22006D0032

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE Nru 32/2006

ta' l-10 ta' Marzu 2006

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 118/2005 tat-30 ta' Settembru 2005[1].

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità[2] hu inkorporat fil-Ftehim.

(3) It-titolu tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71ġie emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1390/81[3] li jestendih għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-familji tagħhom.

(4) Għanda ssir daħla ġdida fl-Anness IIa għar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 fir-rigward tan-Norveġja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied fl-adattament (m), l-intestatura "ZC. NORVEĠJA", fil-punt 1 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71) ta' l-Anness VI għall-Ftehim:

"(d) Benefiċċji speċjali skond l-Att tad-29 ta' April 2005 Nru. 21 dwar allowance supplimentari lil persuni b'perijodi qosra ta' residenza fin-Norveġja."

---

1 ĠU L 399, 22.12.2005, p. 22.

2 ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 647/2005 tal-Parlament u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 1).

3 ĠU L 143, 29.5.1981, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Marzu 2006. sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2006.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il- President
R. WRIGHT

* L-ebda ħtieġa kostituzzjonali indikata.